



Brussell, 22 ta' April 2025  
(OR. fr)

7375/25

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0043(NLE)

---

---

PECHE 73

#### **ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea (2025-2029)

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...**

**ta' ...**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja  
tal-Protokoll rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija  
fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju  
u l-Komunità Ewropea (2025-2029)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2008, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 242/2008 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea<sup>1</sup> (il-“Ftehim”). Il-Ftehim daħal fis-seħħ fit-18 ta' April 2008.
- (2) L-aħħar Protokoll li jimplimenta l-Ftehim skada fil-31 ta' Lulju 2024.
- (3) Fl-4 ta' Marzu 2024, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mar-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju (il-“Kosta tal-Avorju”) bl-għan li jiġi stabbilit Protokoll ġdid dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar, fil-21 ta' Novembru 2024, tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea (2025-2029) (il-“Protokoll”).
- (4) L-għan tal-Protokoll huwa li jippermetti lill-bastimenti tal-Unjoni jistadu fiż-żona tas-sajd tal-Kosta tal-Avorju u li jippermetti lill-Unjoni u lill-Kosta tal-Avorju jaħdmu aktar mill-qrib flimkien biex jiżviluppaw politika tas-sajd sostenibbli, jipromwovu l-isfruttament responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Kosta tal-Avorju u fl-Oċean Atlantiku, u jikkontribwixxu għal kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti fis-settur tas-sajd.

---

<sup>1</sup> ĠU L 75, 18.3.2008, p. 51, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg/2008/242/oj\\_](http://data.europa.eu/eli/reg/2008/242/oj_)

- (5) Għaldaqstant il-Protokoll għandu jiġi ffirmat.
- (6) Fid-dawl tal-importanza ekonomika tal-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd tal-Kosta tal-Avorju u l-ħtieġa li jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien li fih dawn l-attivitajiet jiġu interrotti, jenħtieġ li l-Protokoll jiġi applikat b'mod provviżorju.
- (7) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> u ta opinjoni fit-22 ta' April 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

### *Artikolu 1*

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll dwarl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija għas-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea (2025-2029) huwa awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Protokoll.

### *Artikolu 2*

Il-Protokoll għandu jiġi applikat b'mod provviżorju f'konformità mal-Artikolu 20 tal-Ftehim, mid-data tal-iffirmar tiegħu, sakemm jidħol fis-seħħ.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---